**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum, 20 ta' Ottubru, 2021**

**Rikors Guramentat Nru: 791/2020 AF**

**Falcotrans Lmited (C-8284)**

**vs**

**E.M. Import Export Limited (C-80222)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Falcotrans Limited li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Is-socjetà rikorrenti hija kumpanija illi toffri servizzi ta' freight forwarding ta' kull xorta ta' merkanzija minn pajjizi esteri ghall-

intraprizi gewwa Malta li lilhom tkun destinata l-istess merkanzija.

Is-socjetà intimata bdiet taghmel uzu mis-servizzi ta' garr u transport provduti mis-socjetà rikorrenti sa minn Settembru tas-sena 2019, u ghan-nom ta' din l-istess socjetà intimata kien jaghmel in-negozju wiehed mid-Diretturi, Maged Saad Malak Eshak li kien anki hu li kien jaghmel il-pagamenti lis-socjetà rikorrenti ghan-nom tas-socjetà intimata. In fatti jigi rilevat illi r-relazzjoni bejn iz-zewg kumpaniji kienet wahda tajba hafna, stante illi s-socjetà intimata kienet taghmel uzu mis-servizzi tas-socjetà rikorrenti ta' spiss hafna u qatt ma kien hemm xi problemi ta' hlas versu s-socjetà rikorrenti, in kwantu dejjem saru pagamenti akkont ta' fatturi mahruga lis-socjetà rikorrenti lis-socjetà intimata.

Bejn it-2 ta' Marzu 2020 u d-29 ta' Gunju 2020, s-socjetà rikorrenti ghamlet garr u trasportar ta' diversi konsenji ta' merce lis-socjetà intimata mill-Italja ghal Malta, u kif inkarigata mis-socjetà intimata, ghal liema servizzi s-socjetà rikorrenti harget id-debiti fatturi (total ta' 55 fattura) datati mill-1 ta' April 2020 sat-3 ta' Lulju 2020, lis-socjetà intimata li fit-total komplessiv taghhom jammontaw ghas-somma ta' tmienja u tletin elf, seba' mija u wiehed u tletin Ewro u tmenin centezmu [€38,731.80]. Kopji tal-fatturi kollha, total ta' 55 fatturi, qed jigu hawn annessi mas-segwenti kawza bhala Dok. FT1 – Dok. FT55.

Però gara illi ghal habta tal-bidu ta' Lulju 2020, f'incident sfortunat ta' hruq li fih kien involut id-direttur Eshak, irrizulta lis-socjetà rikorrenti illi l-imsemmi Eshak kien miet kawza ta' dan l-istess incident.

Sussegwentement ghalhekk, peress ukoll illi s-socjetà intimata in kwistjoni ghandha direttur iehor, certu Ahmad Ayad Abdasslam, fis-6 ta' Lulju 2020, is-socjetà rikorrenti baghtet ittra legali lis-socjetà intimata indirizzata lill-imsemmi Abdasslam fejn talbitu ghan-nom tas-socjetà intimata li jirrapprezenta sabiex jersaq ghall-hlas tal-fatturi pendenti su-indikati [kopja tal-ittra legali qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. FT56], izda dan nonostante s-socjetà intimata baqghet inadempjenti u ma saru l-ebda hlasijiet minnha lis-socjetà rikorrenti.

In vista tal-inadempjenza tal-istess socjetà intimata, is-socjetà rikorrenti bhala kreditrici tas-socjetà intimata fis-somma ta' tmienja u tletin elf, seba' mija wiehed u tletin Ewro u tmenin centezmu [38,731.80], ma kellha l-ebda ghazla ohra hlief li tipprocedi bis-segwenti kawza kontra s-socjetà intimata.

Is-socjetà rikorrenti tiddikjara illi dan id-debitu ta' tmienja u tletin elf, seba' mija wiehed u tletin Ewro u tmenin centezmu [€38,731.80] lilha dovut mis-socjetà intimata huwa cert, likwidu u dovut, u s-socjetà intimata m'ghandha l-ebda eccezzjonijiet validi fil-ligi x'tissolleva sabiex topponi ghat-talbiet tas-socjetà rikorrenti, u b'hekk jezistu c-cirkostanzi ikkontemplati fl-Artikoli 167-170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini tal-Artikoli 167-170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tiddikjara illi s-socjetà intimata hija debitrici tas-socjetà rikorrenti fis-somma ta' tmienja u tletin elf, seba' mija wiehed u tletin Ewro u tmenin centezmu [€38,731.80] u konsegwentement tikkundanna lis-socjetà intimata sabiex thallas lis-socjetà rikorrenti is-somma ta' tmienja u tletin elf, seba' mija wiehed u tletin Ewro u tmenin centezmu [€38,731.80] dovuti lill-istess rikorrenti rapprezentanti garr u transport ta' merkanzija mill-Italja ghal Malta, u dana kif jirrizulta mill-fatturi mahruga mis-socjetà rikorrenti datati mill-1 ta' April 2020 u t-3 ta' Lulju 2020.

Bl-ispejjez kollha, inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 1081/2020 JRM u tal-mandat ta' qbid numru 1080/2020 JRM u l-atti relattivi pprezentati fl-14 ta' Awwissu 2020, u bl-imghax mid-data ta' kull fattura mahruga lis-socjetà intimata sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjetà intimata illi qed tigi minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat li s-socjetà intimata, minkejja li giet debitament notifikata baqghet ma dehritx biex tikkontesta l-kawza.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel talba kif dedotta, tilqa' t-tieni talba kif dedotta, bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn E.M. Import Export Limited.

IMHALLEF

DEP/REG